MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 642/2002/1

**George Muscat li jiggestixxi d-ditta Transtran Services**

**v.**

**Brian Mizzi u Stephania Gatt**

**IL-QORTI,**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' elf erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm1,485) rapprezentanti arretrati ta' kera minnhom dovuti fir-rigward tal-fond Flat 7, 64 Triq San Frangisk, Floriana riferibbilment ghall perjodu bejn Lulju 1999 u Marzu 2002 bil-kera ta' hamsa w erbghin lira Maltin (Lm45) fix-xahar pagabbili bil-quddiem.

Ra r-Risposta tal-konvenuti a fol. 48 fejn qalu li t-talba attrici ghandha tigi respinta stante illi l-ammont ta' kera mitlub mhux dovut. Di fatti huma debituri biss ghall-kera ta' sena u xahrejn fl-ammont ta' Lm45 fix-xahar. Fit-tieni

lok qalu li l-kumplament tal-kera kienu thallsu lill-attur skond ftehim partikolari liema ftehim huwa spjegat fil-kawza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti a fol. 74 fejn jghidu li din il-kawza hija nulla stante illi l-attur *ex admissis* meta kera l-post in kwistjoni qal li krieh tramite l-kumpanija tieghu u ghalhekk l-attur m'huwiex il-legittimu kontradittur.

Rat is-sentenza tat-Tribunal Ghat Talbiet Zghar tal-1 ta' Frar 2006 a fol 88 tal-process fejn gie deciz hekk:
"Illi George Muscat xehed wara li xehed Brian Mizzi u ma cahadx il-verzjoni li ta Brian Mizzi.

"Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet ghal xi zmien tahdem bhala prostituta f'lukanda fejn l-attur kien jahdem ta' *accountant*. F'dak iz-zmien il-konvenuta kienet minuri. Illi jirrizulta li l-attur kien jaf jew missu kien jaf li l-konvenuta kienet se tikri l-post ghal skopijiet ta' prostituzzjoni meta kienet ghadha minuri. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba ta' l-attur. Ghaldaqstant jichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez bla taxxa".

Illi minn dina s-sentenza appella George Muscat billi hassu aggravat minn dina d-decizjoni.

Illi l-appellati wiegbu li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-interita` taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fis-sentenza tat-Tribunal li minnha qed isir dana l-appell, it-Tribunal iddecieda li l-ftehim li fuqu hija bazata t-talba ta' l-appellant kellha bhala konsiderazzjoni kawza illecita, ghalhekk cahad it-talba tieghu.

It-Tribunal accetta l-verzjoni tal-konvenuti (l-appellati) li l-attur (appellant) kien jaf jew messu kien jaf li l-konvenuta (appellata) kienet se tikri l-post ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u dana meta kienet ghadha minuri.

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri li l-appellati kienu ressqu quddiem it-Tribunal dwar in-nullita` ta' l-Avviz, (fol. 74) dina l-Qorti tirrileva li t-Tribunal ma kienx iddecieda dina l-eccezzjoni u lanqas l-appellati ma appellaw incidentalment fuq dana l-punt. Fuq dan, l-appellant issottometta li hu deher f'dina l-kawza f'ismu bhala li jiggestixxi d-ditta Transtav Services, u ghalhekk ma kien hemm ebda nullita`. Il-Qorti taqbel ma' l-appellant u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghad-dokumenti ezibiti a fol. 78/79.

L-appellant ressaq aggravju wkoll fis-sens li t-Tribunal iddecieda dwar materja li hija barra mill-kompetenza tieghu kif delinjata mill-ligi u ghalhekk ma setax jiddeciedi kif fil-fatt iddecieda. Hu jissottometti li l-appellati messhom ghamlu azzjoni ad hoc biex jattakkaw il-validita` ta' l-iskrittura li kien hemm bejniethom. Il-Qorti ma taqbilx ma' dina s-sottomissjoni ta' l-appellant billi l-ewwel nett din l-eccezzjoni dwar inkompetenza tat-Tribunal li jiddetermina dina l-eccezzjoni tressqet biss f'dan l-istadju ta' l-appell meta l-appellant kien jaf li l-eccezzjoni ewlenija ta' l-appellati kienet rigward l-illecita` tal-kawza[1]. Inoltre meta lill-Qorti jirrizultalha li ftehim ikun imcappas bl-illecitu, il-Qorti ghandha dejjem tqajjem dik l-eccezzjoni hi stess ex officio.

Kwantu ghall-mertu , l-appellant qed isostni li hu ma kienx jaf bl-uzu li l-inkwilini (l-appellati) kienu jew setghu kienu qeghdin jaghmlu mill-appartament mikri lilhom. Ghalhekk isostni li ma kien hemm ebda bazi fattwali jew legali li b'xi mod tinkriminah bl'atti attribwiti lilu mill-appellati.
"Il-funzjoni ta' dina l-Qorti f'dan il-kamp hija ristretta fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni u funzjoni taghha u ma tiddisturbax facilment il-valutazzjoni li tkun saret mill-Qorti ta' Prim Istanza u l-apprezzament tal-provi u l-affidament li tkun tat fir-rigward tad-diversi xhieda, hlief jekk dak l-apprezzament in generali jew in partikolari jkun

[1] L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ma tistax titqajjem fl-istadju ta' l-appell tant li jinsab enuncjat fil-proviso ta' l-Artikolu 774 tal-Kap. 12 illi " l-eccezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistghux jinghataw u lanqas ma jistghu jigu dikjarati ex officio, f'qorti fi grad ta' appell".

manifestament hazin u jirrikjedi l-intervent taghha. Jekk fuq il-bazi tal-provi mismugha mill-ewwel Qorti din setghet tasal ghall-konkluzzjoni minnha raggunta din il-Qorti ghandha tirrispetta dik id-diskrezzjoni”. (ara Appell R.Fenech et vs F.Grech 3 ta’ Dicembru 1999).

Mill-atti processwali jirrizulta li t-Tribunal ezamina x-xhieda prodotta u wara li ghamel rassenja taghha kkonkluda li x-xhieda tal-konvenuti (appellati) kellha aktar mis-sewwa, u kienet aktar konvincenti minn dika ta’ l-attur (appellant) u wasal biex emmen lilhom u cahad it-talba ta’ l-attur.

Dina l-Qorti regghet ezaminat ix-xhieda prodotta u ma tarax kif it-Tribunal seta’ jasal ghall-konkluzzjoni differenti. Ix-xhieda ta’ l-attur hi skarna ghal kollox u ftit li xejn isserví biex issahhah it-talba tieghu, apparti li ma sarx sforz konvincenti minnu biex il-verzjoni ta’ l-appellati tigi kontestata u kontradetta. L-appellant baqa’ ma tahx spjegazzjoni kif ammont sostanzjali ta’ arretrati thalla jitla’ daqshekk u t-talba ghalihom issir wara tant zmien. Minn naha l-ohra l-appellati spjegaw x’kienet ir-raguni ghaliex dina l-kera ma kinitx qed tintalab, liema raguni mhix necessarjament xi wahda li ghandha facilment tigi skartata.

Il-fatt li ma sarx diskors dwar l-iskop tal-kirja ma jfissirx necessarjament li l-appellant ma kienx jaf ghal xhiex hu kien qed jikri l-post. Ir-regola *contra scriptum* ma hix wahda assoluta u eccezzjonijiet ghal din ir-regola huma ammessi. Infatti hi ammessa prova testimonjali fir-rigward ta’ ftehim bil-miktub meta kuntratt ikun vizzjat jew ikun altrimenti null ghal xi raguni valida fil-ligi. (App. Mifsud vs Rizzo 12.3.1984).

L-appellant jissottometti wkoll li l-appellati m’humiex kredibbili. Isemmi l-fatt li mill-kuntratt (ara fol 56) jirrizulta li l-appellata fis-sena 1999 meta sar il-kuntratt kellha 19-il sena ghalhekk hi ma kinitx il-minuri li qed tghid li kienet u l-appellat ma kellux ghalfejn jidher ghaliha fuq il-kuntratt ghar-raguni li qal. L-appellant ighid li Brian Mizzi ma kienx deher fuq il-kuntratt bhala kuratur ghall-appellata izda in solidum maghha.

Illi mill-provi prodotti, u dan gie notat mit-Tribunal, l-appellata kienet diga` tikri l-post minghand l-appellant meta kellha hmistax-il sena cioe` qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni. F’dan ir-rigward din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmul mit-Tribunal li ma jidhirx li hu manfiestament hazin.

Hu veru li kien hemm ammissjoni da parti ta’ l-appellat ghal parti mill-kera dovuta izda dina l-istess kera tirreferi ghall-kirja tal-post li kien qed jintuza ghal skop illecitu ghalhekk anke dak l-ammont hu mcappas bl-illecita` avolja ammess. Il-Ligi fl-Artikolu 987 Kap. 16 tipprovdi li l-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m’ghandha ebda effett. Imbaghad skond l-Artikolu 991 (1) jekk il-kawza li ghaliha tkun giet imweghda xi haga hija illecita min-naha biss tal-parti li favur taghha ssir l-obbligazzjoni, kull haga li tkun giet moghtija ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt tista’ tintalab lura. (2) Jekk il-kawza hija illecita ghaz-zewg partijiet, ebda wahda minnhom, jekk ma tkunx minuri, ma tista’ titlob lura dak li tkun tat lill-ohra, bla hsara tad-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 1716.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi billi

Fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal

Tichad l-appell

Spejjez ta’ dana l-appell a karigu ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------